Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,632, 28 ta' April, 2026

Taqsima B

A.L. 109 tal-2026

ATT DWAR IS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IX-XOGĦOL (KAP. 646)

Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (Bżonnijiet minimi għas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 45 tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, il-Ministru responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (Bżonnijiet minimi għas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (Bżonnijiet minimi għas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni), hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 646.27.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "klijent domestiku" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "klijent domestiku" tfisser klijent li għalih qed isir proġett li ma jkunx fil-kors jew fit-tkomplija tan-negozju ta' dak il-klijent u huwa persuna li twettaq xogħlijiet minuri fil-fond tagħha jew fil-fond okkupat legalment minnha;";

(b) fit-tifsira "supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà" il-kliem "delegat mill-Awtorità." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "delegat mill-Awtorità;" u minnufih wara għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "ŻEE" tfisser il-membri tal-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, in-Norveġja u Liechtenstein.".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (1) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali l-kliem: "tiġġedded kif meħtieġ." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tiġġedded kif meħtieġ:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda persuni residenti fl-Unjoni Ewropea jew fiż-ŻEE, persuni ġuridiċi inkorporati fl-Unjoni Ewropea jew fiż-ŻEE jew entitajiet li huma fergħat rikonoxxuti fl-Unjoni Ewropea jew fiż-ŻEE biss jistgħu jiġu maħtura bħala rappreżentant tal-klijent.".